# IT-TIELET PARTI

# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

**9 ta' Jannar, 1997**

**Imħallef:-**

**Onor. Geoffrey Valenzia B.A., LL.D.**

Louis Cuschieri

*versus*

Dr. John C. Grech *noe*

**Kont *bearer* - Telfien tal-Librett**

*Il-ġurisprudenza preponderanti tal-Qrati tagħna għal dawn l-aħħar snin hija fis-sens illi jekk ikun hemm provi tajba u konvinċenti u li, jekk ma jeliminawx, almenu jimminimizzaw kull dubbju raġonevoli, allura huwa possibbli li l-persuna li titlef b'xi mod jew ieħor il-librett ta' kont* bearer *tkun tista' tottjeni mingħand l-awtorità ġudizzjarja dikjarazzjoni ta' "appartenenza".*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur ippremetta illi huwa fetaħ kont *bearer* fit-tnejn (2) ta' Mejju, 1987 mal-fergħa tal-Bank of Valletta Limited, f'The Strand, il-Gżira, fl-ammont ta' Lm5,000 u ġie mogħti l-librett li jġib in-numru

BB10704058018/070143; ammont li fih ġie miżjud għal Lm6,000 fl-erbgħa (4) ta' Awissu, 1988 Dok. A; li llum bl-imgħaxijiet żdied għal Lm6,615.20,0 (*sitt elef, sitt mija u ħmistax-il lira Maltija u għoxrin ċenteżmu*);

Premess illi dan il-librett kien fil-pussess ta' l-attur;

Premess illi fil-bidu ta' Ottubru, 1995 dan il-librett ntilef u b'ittra tal-ħdax (11) ta' Ottubru, 1995 (Dok. B anness) debitament informa lill-*Manager* tal-Bank;

Premess illi l-attur ġie nfurmat mill-istess Bank b'ittra tat-tlettax (13) ta' Ottubru, 1995, (Dok. C anness) li fiċ-ċirkostanzi kellu jirrikorri għall-proċeduri legali;

L-attur talab li din l-Onorabbli Qorti, in vista tal-premess:

Tiddikjara li l-flus li hemm iddepożitati fil-librett imsemmi "*Bearer Book*" BB10704058018/070143 maħruġ fit-tnejn (2) ta' Mejju, 1987 huwa proprjetà ta' l-attur;

Tiddikjara li l-konvenut *nomine* huwa debitur ta' l-attur fis-somma ta' Lm6,615.20,0;

Tinibixxi in perpetwità lill-Bank konvenut milli jirrilaxxja l-flus iddepożitati fil-kont *bearer* numru BB10704058018/070143 f'idejn terzi salv l-attur;

Tikkundanna lill-konvenut *nomine* jħallas dina s-somma lill-attur billi jittrasferixxi jew jiddepożita dina s-somma f'depożitu bankarju fis-*savings* jew kont kurrenti f'isem l-attur, jew direttament f'idejn l-attur prevja kull garanzija bankarja a favur ta' l-istess bank konvenut;

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni ppreżentat kontestwalment, bl-imgħaxijiet legali kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata ta' l-attur a fol. 3;

Rat in-nota ta' Paul Gambina a fol. 10 li biha assuma l-atti għan-nom u in rappreżentanza tal-Bank of Valletta Ltd.;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut *nomine* a fol. 14 fejn eċċepixxa:

Illi mhux legalment possibbli li kont *bearer* jiġi żbankat a favur ta' xi persuna mingħajr ma dik il-persuna tipproduċi l-librett relattiv jew wara sentenza tal-Qorti;

Illi għalhekk l-eċċipjent *nomine* ma jistax jirrikonoxxi l-attur bħala proprjetarju tal-kont u jħallsu l-fondi ta' l-istess kont mingħajr sentenza tal-Qorti;

Għaldaqstant l-eċċipjent *nomine* waqt li jirrimetti ruħu għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, mhuwiex responsabbli għall-ftuħ ta' din il-kawża u m'għandux iħallas spejjeż ta' din il-kawża;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Rat il-verbali tas-sitta (6) ta' Diċembru, 1996 u ħdax (11) ta' Diċembru, 1996;

Rat li ma sar ebda rikors għas-sospenzjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

L-attur ikkonferma d-dikjarazzjoni tiegħu fejn kien qal li kien fetaħ kont *bearer* fit-tnejn (2) ta' Mejju, 1987 mal-Bank of Valletta fergħa tal-Gżira, fl-ammont ta' Lm5,000 b'librett numru BB10704058018/070143; ammont *li* ġie *miżjud għal* Lm6,000 fl-erbgħa (4) ta' Awissu, 1988 (Dok. A) u li llum bl-imgħaxijiet żdied għal Lm6,615.20,0;

L-attur ma sabx dan il-ktieb għax ġie *misplaed* u b'ittra ddatata ħdax (11) ta' Ottubru, 1995 (Dok. B) informa lill-Bank b'dan u talbu biex jiffriża l-*account* u l-Bank irrispondih li fiċ-ċirkostanzi kellu jirrikorri għall-proċeduri legali (Dok. C) kif fil-fatt għamel. Hu ħareġ mandat ta' inibizzjoni kontra l-bank imbagħad għamel dina l-kawża;

Fl-eċċezzjonijiet tiegħu l-konvenut eċċepixxa li mhux legalment possibbli li kont *bearer* jiġi żbankat a favur ta' xi persuna mingħajr ma dik il-persuna tipproduċi l-librett relattiv jew wara sentenza tal-Qorti. Għalhekk il-konvenut ma jistax jirrikonoxxi lill-attur bħala proprjetarju tal-kont u jħallsu l-fondi ta' l-istess kont mingħajr sentenza tal-Qorti. Inoltre hu m'għandux ibati *l-ispejjeż* ta' *dina l-kawża*;

**Il-ġurisprudenza preponderanti tal-Qrati tagħna**, għal dawn l-aħħar snin, *hija fis-sens illi jekk ikun hemm provi tajba* u konvinċenti, u li, jekk ma jeliminawx, almenu jimminimizzaw kull dubbju raġonevoli, allura huwa possibbli li l-persuna li titlef b'xi mod jew ieħor il-librett innominat, tkun tista' tottjeni mingħand l-awtorità ġudizzjarja dikjarazzjoni ta' "appartenenza";

*Il*-problema ċentrali f'dawn *il-każijiet* tibqa' dejjem dik tal-**preġudizzju u dannu** li l-bank jista' jsofri minħabba l-fatt illi l-librett innominat, mitluf jew misruq, jista' dejjem jiġi ppreżentat għal biex isir l-iżbank tal-kontenut;

Il-propretarju tal-librett innominat għandu d-dritt li jiżbanka bis-saħħa tad-dikjarazzjoni ġudizzjarja l-flus. Il-**garanzija** li tiskatta favur il-bank tingħata jekk wara ssirlu kawża mid-detentur tal-librett li ġie rrifjutat l-iżbank għaliex il-bank ikun diġà ħallas wara sentenza tal-Qorti, u ciò nonostante, f'dik il-kawża, il-Qorti ssib li d-detentur għandu raġun, u huwa kien in buona fede u li għalhekk l-ewwel sentenza kienet żbaljata. Huwa f'din l-eventwalità li l-benefiċjarju ta' l-ewwel sentenza jkollu jagħmel tajjeb biex il-bank ma jsofri ebda preġudizzju, u għandu jissejjaħ f'dik il-kawża;

Ma jidhirx li hemm xi **terminu ta' preskrizzjoni** favur il-bank jekk kemm-il darba l-librett innominat ma jiġix ippreżentat għall-iżbank f'xi żmien determinat (ara sentenzi App. Kumm. **S. Camilleri** ***vs*** **Alfred P. Farrugia** ***noe***, 15/5/1995 u sentenzi hemm ikkwotati);

Illi għalhekk f'każijiet bħal dawn, l-attur irid jipprova li hu kien il-proprjetarju tal-librett u fit-tieni lok li dana l-librett fil-fatt intilef;

Issa fil-każ in eżami l-attur xehed u kkonferma li hu kien is-sid tal-librett in kwistjoni li ntilef jew ġie *misplaced*. Hu ġab ukoll provi dokumentari f'dan ir-rigward. Ix-xhieda ta' l-attur ma ġietx kontradetta;

Illi f'dana l-każ, billi l-librett hu *misplaced* u għalhekk jista' f'xi ħin jiġi ppreżentat lill-Bank, hu opportun li l-attur jagħti garanzija lill-bank kif ser jiġi ordnat li jagħmel;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeċidi billi filwaqt li tirrespinġi l-eċċezzjonijiet tal-konvenut *nomine*;

Tiddikjara li l-flus li hemm iddepożitati fil-librett

imsemmi *bearer book* BB 10704058018/070143 maħrug fit-tnejn (2) ta' Mejju, 1987 huwa proprjetà ta' l-attur;

Tiddikjara li l-konvenut *noe* huwa debitur ta' l-attur fis-somma ta' Lm6,615.20,0;

Dwar it-tielet domanda dina qed tiġi miċħuda stante dak li l-Qorti ser tipprovdi fuq ir-raba' domanda u billi issa dana l-kont ser jiġi magħluq;

Tikkundanna l-konvenut *nomine* jħallas dina s-somma lill-attur;

Prevja li l-attur jikkostitwixxi favur il-bank *garanzija* adegwata biex l-istess bank jiġi indennizzat għal kull dannu li jista' jsofri jekk huwa jiġi mġiegħel b'sentenza ta' dawn il-Qrati li jħallas. F'dak il-proċess il-bank ikun obbligat isejjaħ fil-kawża lill-attur jew aventi kawża tiegħu u din għandha tkun kondizzjoni tal-garanzija li l-istess attur għandu jikkostitwixxi favur il-bank konvenut;

L-ispejjeż jitħallsu mill-attur billi l-bank bilfors kellu jitlob dikjarazzjoni ġudizzjarja biex ikun dirett kif għandu jimxi u protett kif imiss.

---